MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2003

Citazzjoni Numru. 1082/2002

**Irene Briffa**

**vs**

**Anton sive Anthony Busuttil**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha l-attrici, wara li qalet:

Illi permezz ta’ kuntratt privat quddiem in-Nutar Dottor Joseph Lia datat 12 ta’ Lulju 1997 (Dok. IB1 anness mac-citazzjoni), il-konvenut ikkostitwixxa lilu nnifsu bhala debitur veru, cert u likwidu fil-konfront ta’ l-attrici fl-ammont ta’ ghaxart elef liri Maltin (Lm10,000);

Illi skond l-istess kuntratt il-konvenut obbliga ruhu li jhallas tali dejn entro hames snin mid-data ta' l-istess att u cjoe` sat-12 ta' Lulju, 2002;

Illi l-konvenut naqas milli jhallas id-dejn entro t-terminu preskritt u ghalhekk illum id-dejn huwa cert, likwidu u maghluq skond il-ligi u huwa dovut fl-intier tieghu mill-konvenut, lill-attrici;

Illi l-konvenut ghalkemm interpellat diversi drabi sabiex ihallas dan id-dejn, huwa baqa' inadempjenti;

Illi l-attrici taf li l-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet validi x'jaghti kontra din it-talba;

Talbet illi din il-Qorti:

1. tordna d-dispensa tas-smigh tal-kawza ai termini ta' l-artikolu 167 et seq. tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta; u

2. tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici s-somma ta' ghaxart elef liri Maltin (Lm10,000) fuq imsemmija;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat kawtelatorju ta' Inibizzjoni, prezentati kontestwalment mac-citazzjoni u bl-imghaxijiet legali mid-data tac-citazzjoni sal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

Rat ukoll l-*affidavit* mahluf mill-attrici u rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lill-konvenut fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm il-kawza ssejhet tliet darbiet, il-konvenut baqa' ma deherx.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq*. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta'

l-kawza billi fil-kontumacja tal-konvenut tilqa' t-talbiet maghmula fic-citazzjoni, bl-ispejjez.

--------------------------------TMIEM--------------------------------